

Il-Ġurnal Uffiċjali C 307

tal-Unjoni Ewropea



Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

11 ta' Settembru 2019

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 307/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9472 — Diamond Transmission Corporation/Infrared Capital Partners/JV) ⁽¹⁾	1
---------------	--	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 307/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
2019/C 307/03	Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza / ta' skont applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2019 (<i>Ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1)</i>)	3
2019/C 307/04	Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea	4

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 307/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9529 — BC Partners/Vista Equity Partners/Advanced Kompjuter Software Group) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾ ...	5
2019/C 307/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9523 — Munich RE/DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-To-Energy facility) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	7
2019/C 307/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9465 — Primus Shareholders/Prudential/Real Estate) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	9
2019/C 307/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9525 — EPE/OCH/Omnicare) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	11

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 307/09	Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33	12
---------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9472 — Diamond Transmission Corporation/Infrared Capital Partners/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 307/01)

Fis-27 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversifacilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9472. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

L-10 ta' Settembru 2019

(2019/C 307/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1040	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4536
JPY	Yen Ġappuniż	118,52	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6559
DKK	Krona Daniża	7,4608	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7194
GBP	Lira Sterlina	0,89300	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5227
SEK	Krona Żvediża	10,7445	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 315,87
CHF	Frank Żvizzeru	1,0943	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,1993
ISK	Krona İzlandiża	138,70	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8445
NOK	Krona Norveġiża	9,9125	HRK	Kuna Kroata	7,3938
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 505,68
CZK	Krona Ċeka	25,869	MYR	Ringgit Malażjan	4,6053
HUF	Forint Ungeriż	331,61	PHP	Peso Filippin	57,425
PLN	Zloty Pollakk	4,3339	RUB	Rouble Russu	72,2447
RON	Leu Rumun	4,7334	THB	Baht Tajlandiż	33,799
TRY	Lira Turka	6,3736	BRL	Real Brażiljan	4,5234
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6103	MXN	Peso Messikan	21,5665
			INR	Rupi Indjan	79,3815

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza / ta' skont applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2019

(Ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))

(2019/C 307/03)

Ir-rati ta' bażi huma kkalkulati f'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad iridu jkunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' skont dan ifisser li kellu jiġi miżjud marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tal-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru tiġi kkalkulata wkoll biż-żieda ta' 100 punti bażi għar-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

It-tabella preċedenti kienet ippubblikata fil-ĠU C 266, 8.8.2019, p. 2.

Minn	Sa	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK
1.10.2019	...	-0,28	-0,28	0,00	-0,28	2,27	-0,28	-0,12	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	0,28	0,48	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	-0,28	1,87	-0,28	3,56	0,06	-0,28	-0,28	0,90
1.9.2019	30.9.2019	-0,20	-0,20	0,00	-0,20	2,27	-0,20	-0,07	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	0,28	0,48	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	-0,20	1,87	-0,20	3,56	0,06	-0,20	-0,20	1,09
1.8.2019	31.8.2019	-0,15	-0,15	0,00	-0,15	2,27	-0,15	-0,03	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	0,28	0,48	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	-0,15	1,87	-0,15	3,56	0,07	-0,15	-0,15	1,09
1.7.2019	31.7.2019	-0,11	-0,11	0,00	-0,11	1,98	-0,11	0,00	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	0,28	0,48	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	1,87	-0,11	3,56	0,07	-0,11	-0,11	1,09
1.6.2019	30.6.2019	-0,11	-0,11	0,00	-0,11	1,98	-0,11	0,02	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	0,28	0,56	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	1,87	-0,11	3,56	0,05	-0,11	-0,11	1,09
1.5.2019	31.5.2019	-0,11	-0,11	0,00	-0,11	1,98	-0,11	0,03	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	0,28	0,56	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	-0,11	1,87	-0,11	3,56	0,02	-0,11	-0,11	1,09
1.4.2019	30.4.2019	-0,13	-0,13	0,00	-0,13	1,98	-0,13	0,04	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	0,28	0,56	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	1,87	-0,13	3,56	-0,03	-0,13	-0,13	1,09
1.3.2019	31.3.2019	-0,13	-0,13	0,00	-0,13	1,98	-0,13	0,03	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	0,28	0,56	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	-0,13	1,87	-0,13	3,56	-0,13	-0,13	-0,13	1,09
1.2.2019	28.2.2019	-0,16	-0,16	0,00	-0,16	1,98	-0,16	0,03	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	0,28	0,56	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	1,87	-0,16	3,56	-0,24	-0,16	-0,16	1,09
1.1.2019	31.1.2019	-0,16	-0,16	0,00	-0,16	1,98	-0,16	0,02	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	0,28	0,56	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	-0,16	1,87	-0,16	3,56	-0,31	-0,16	-0,16	1,09

Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2019/C 307/04)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ huma emendati kif ġej:

Fil-paġna 211

Jiddaħħal it-test li ġej:

4202 91 80 Oħrajn**u****4202 92 19****u****4202 92 98****u****4202 99 00**

“Dawn is-subintestaturi jinkludu l-hekk imsejħa ‘basktijiet għall-ħwejjeġ’ maħsuba għat-trasport tal-ħwejjeġ. Dawn il-basktijiet huma magħmula minn materjali reżistenti u huma adattati biex jintużaw fit-tul. Huma mgħammra b'manku(ijiet) għall-ġarr. Biex jinġarru b'mod aktar faċli, ġeneralment il-basktijiet ikunu jistgħu jintwew u ż-żewġ nofsijiet tagħhom jinqafu permezz ta' buttuni, ganċijiet jew zippijiet. Barra mill-fatt li ġeneralment ikollhom zippi fuq quddiem, tipikament ikunu mgħammra b'għeluq, kompartimenti, bwiet, eċċ. addizzjonali.

Madankollu, ‘il-basktijiet għall-ħwejjeġ’ sempliċi li jservu għall-ħżin u/jew għall-protezzjoni u/jew għall-ġarr għal żmien qasir ta' ħwejjeġ (pereżempju, wara t-tindif fix-xott) huma esklużi (klassifikazzjoni skont il-materjal kostitwenti tagħhom, ġeneralment l-intestatura 3926 jew l-intestatura 6307). Ara wkoll in-nota ta' Spjegazzjoni tas-SA tal-intestatura 6307 (6). Ġeneralment, dawn il-basktijiet ma jkunux mgħammra b'mankijiet u s-soltu jkollhom biss zippi fuq quddiem biex jitqiegħdu l-ħwejjeġ u fetħa biex tiddaħħal spalliera.”

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9529 — BC Partners/Vista Equity Partners/Advanced Kompjuter Software Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 307/05)

1. Fit-3 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- BC Partners LLP ("BC Partners", ir-Renju Unit), li tagħti konsulenza lil BC European Capital X permezz tal-imsieħba ġenerali tagħha BCEC Management X Limited,
- Vista Equity Partners Management LLC ("Vista Equity Partners", l-Istati Uniti tal-Amerika), li tiġġestixxi lil Vista Equity Partners Fund VII L.P.,
- Advanced Kompjuter Software Group Ltd ("Advanced", ir-Renju Unit).

Il-fondi li jirċievu konsulenza minn BC Partners LLP u l-fondi ġestiti mill-Vista Equity Partners Management jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Advanced. Advanced bħalissa hija kumpanija tal-portafoll ikkontrollata biss mill-Vista Equity Partners.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- BC Partners: ditta ta' ekwità privata li tipprovdi konsulenza ta' ġestjoni tal-investiment lill-investituri finanzjarji,
- Vista Equity Partners: ditta tal-investiment li hija ffukata fuq is-software, id-data u negozji mħaddma mit-teknoloġija,
- Advanced: fornitur tas-software (inklużi soluzzjonijiet ta' modernizzazzjoni) u servizzi ta; cloud u servizzi ġestiti tal-IT lill-klijenti fis-settur pubbliku u fis-settur privat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi speċifikata:

M.9529 — BC Partners/Vista Equity Partners/Advanced Kompjuter Software Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9523 — Munich RE/DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-To-Energy facility)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 307/06)

1. Fit-2 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Münchner Rückversicherungs-Gesellschaft Aktiengesellschaft in München ("Munich Re", il-Ġermanja),
- DIF Infrastructure V Cooperatief U.A ("DIF"), ikkontrollata mid-DIF Management Holding BV (in-Netherlands),
- Green Investment Group Limited ("GIG", ir-Renju Unit), ikkontrollata mill-Macquarie Group (l-Awstralja),
- Covanta Holding Corporation ("Covanta", l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Covanta Europe Assets Limited ("Dublin Waste-to-Energy facility", l-Irlanda).

Munich Re, DIF, GIG u Covanta, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-faċilità Dublin Waste-to-Energy. Il-faċilità Dublin Waste-to-Energy bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn DIF, GIG u Covanta.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Munich Re taħdem primarjament fis-setturi tar-riassikurazzjoni u tal-assigurazzjoni,
- DIF hija fond tal-investiment fl-infrastruttura,
- GIG tispeċjalizza f'investiment prinċipali tal-enerġija ekoloġika, it-twettiq ta' proġetti u l-ġestjoni tal-portafoll u servizzi relatati,
- Covanta hija primarjament involuta fis-settur tar-rimi tal-iskart u f'dak tal-enerġija,
- Il-faċilità Dublin Waste-to-Energy hija attiva fir-rimi ta' skart u fil-ġenerazzjoni tal-elettriċità.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9523 — Munich RE/DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-To-Energy Facility

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9465 — Primus Shareholders/Prudential/Real Estate)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 307/07)

1. Fl-4 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- K Plus BV; Givin BV, Muhak BV u 3K Investment BV ("il-Primus Shareholders", in-Netherlands); kif ukoll
- Pramerica Real Estate Capital VI S.à.r.l. ("PRECap", il-Lussemburgu), ikkontrollata mill-Prudential Financial Inc. ("PFI", l-Istati Uniti tal-Amerika).

Il-Primus Shareholders u PRECap jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tar-Real Estate Asset kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- il-Primus Shareholders: veikoli ta' investment, miżmuma minn ċerti membri tal-familja Sabancı, li għandhom parteċipazzjoni fl-entità affiljata Esas Holding A.S. ("Esas"), li hija attiva (fl-uffiċċji tagħha f'Istanbul u London) fin-negozju ta' investment dinji billi tinvesti f'diversi kategoriji ta' assi inklużi l-ekwità privata, il-proprjetà immobbli, il-venture capital u fil-liquid assets.
- PreCAP: il-provvista ta' kapital biex tkun assistita l-akkwiżizzjoni u r-rifinanzjament ta' assi ta' proprjetà immobbli kummerċjali li huma predominantement lokalizzati fir-Renju Unit u l-Ġermanja. PRECap hija fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mill-Prudential Financial Inc., istituzzjoni ta' servizzi finanzjarji li tipprovdi assigurazzjoni, ġestjoni ta' investment, u prodotti u servizzi oħra finanzjarji kemm lill-konsumatur u kemm lil klijenti kummerċjali fl-Istati Uniti tal-Amerika u f'aktar minn 40 pajjiż ieħor.
- ir-Real Estate Asset: proprjetajiet immobbli li jinsabu fi Groninger StraÙe 25, 27, Liebenwalder StraÙe 21, Oudenarder StraÙe 16, 13347 Berlin, u li huma prinċipalment użati għall-finijiet ta' uffiċċji u sa ċertu punt anki għall-finijiet ta' ħwienet, manifattura u loġistika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulla l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9465 — Primus Shareholders/Prudential/Real Estate

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9525 — EPE/OCH/Omnicare)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 307/08)

1. Fl-4 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Equistone Partners Europe Limited ("Equistone", ir-Renju Unit),
- Omnicare Holding GmbH & Co. KG ("OCH", il-Ġermanja),
- Omnicare Beteiligungen GmbH ("Omnicare", il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni proposta tikkonsisti fl-akkwiżizzjoni tal-kontroll konġunt ta' Omnicare, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, minn Equistone u OCH.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Equistone hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata attiva fir-Renju Unit, Franza, il-Ġermanja u l-Isvizzera. Il-fondi kkontrollati minn Equistone qed jinvestu f'kumpaniji minn diversi setturi tan-negozju bħalma huma l-konsumatur u l-ivvjaġġar, servizzi finanzjarji, inġinerija speċjalizzata u servizzi ta' appoġġ;
- Omnicare hija prinċipalment attiva: (i) fid-distribuzzjoni farmaċewtika ta' speċjalità (prodotti farmaċewtiċi onkoloġiċi), (ii) fis-servizzi għal spiżerji li jħalltu l-mediċini, (iii) fiż-żamma tal-partekipazzjoni f'ċerti ċentri mediċi tal-onkoloġija għall-outpatients u (iv) fil-kliniċi għall-kura ta' diżordnijiet u mard mentali u psikosomatiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9525 — EPE/OCH/Omnicare

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2019/C 307/09)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ⁽¹⁾.

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

“Cava”

Numru ta' referenza: PDO-ES-A0735-AM07**Data tan-notifika: 22.2.2019**

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJET GĦALIHA

1. Tnaqqis fil-limitu tal-aċidità tal-inbid ta' bażi u tal-cava

Deskrizzjoni u raġunijiet

Emenda fil-punti 2.c, 3.b.1, 7a u 7b tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott u fil-punt 3 tad-Dokument Uniku.

Deskrizzjoni: Tnaqqis ta' 0,5 gramma għal kull litru (minn 5,5 għal 5), espress bħala aċidu tartariku, tal-aċidità totali tal-Cava u tal-inbid ta' bażi.

Raġunijiet: Fid-dawl tax-xejra kontinwa ta' tnaqqis fl-aċidità totali li ġiet osservata matul ħsad preċedenti, fil-ħsad tal-2012 twestaq studju biex tiġi mmonitorjata l-aċidità totali tal-inbejded ta' bażi għall-Cava, li fih aktar minn 50 % tal-inbejded ġew ikkampjunati skont il-varjetajiet differenti fiż-żona.

Il-konklużjoni li ntlaħqet minn dan l-istudju hija li l-aċidità naturali — ladarba l-għeneb ikun sar biżżejjed — hija bilanċjata, u li mhuwiex meħtieġ li l-inbejded jiġu aċidifikati, sakemm mhux biex jissodisfaw l-aċidità totali imposta mil-liġi li, madankollu, mhijiex mixtieqa billi tiżbilanċja t-togħma tal-inbejded. Din l-aċidifikazzjoni sseħħ kemm fil-fażi ta' qabel il-fermentazzjoni, fir-rigward tal-inbejded ta' bażi, kif ukoll fil-Cavas. B'riżultat ta' dan, aħna nipponu li titnaqqas l-aċidità totali kemm fl-inbid ta' bażi kif ukoll fil-prodott finali.

2. Tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-użu tat-trademarks

Deskrizzjoni u raġunijiet

Emenda fil-punt 8.b.vi tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Dan ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

Deskrizzjoni: Tneħħija tar-restrizzjoni fuq l-użu tat-trademarks.

Raġunijiet: Allinjament tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott mal-leġiżlazzjoni tal-UE rigward it-trademarks, b'rispons għall-ittra mibgħuta mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali fid-19 ta' Diċembru 2013 li fiha huwa indika li ċerti spesifikazzjonijiet jinkludu projbizzjonijiet fuq l-użu ta' trademarks kummerċjali koperti mid-denominazzjoni ta' nbejded oħra li mhumiex inklużi f'din il-protezzjoni. Din il-projbizzjoni tad-drittijiet tat-trademark mhijiex iġġustifikata għal raġunijiet relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità ta' prodotti tal-inbid b'denominazzjoni, u tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trademarks. Konsegwentement, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni, aħna neħħejna dan li ġej mill-punt 8(b) tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott Cava DOP: Mhuwiex se jkun possibbli li t-trademarks jintużaw b'mod simultanju fuq it-tikketti ta' nbejded oħra u ta' xorb ieħor idderivat mill-inbid li huma ppreżentati fi flieken li huma karatteristiċi tal-inbejded frizzanti.

⁽¹⁾ ĠUL 9, 11.1.2019, p. 2.

3. **Permess tal-użu tal-varjetà trepat**

Deskrizzjoni u raġunijiet

Emenda fil-punti 6 u 7a tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Dan ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

Deskrizzjoni: Awtorizzazzjoni biex tintuża l-varjetà Trepas għall-Cava abjad.

Raġunijiet: Fl-1998, inbeda l-iżvilupp kummerċjali tal-Cava rożè u ġie awtorizzat l-użu tal-varjetà Trepas għall-manifattura tal-Cava rożè. Attwalment, bid-domanda għal inbejjed rożè ssodisfata tajjeb ħafna, u meta titqies il-valutazzjoni kwalitattiva tajba tal-inbejjed magħmula mill-varjetà Trepas, aħna nqisu li l-manifattura tal-Cava abjad (blanc de noirs) mill-varjetà Trepas hija għażla ta' diversifikazzjoni tal-prodott li ma tnaqqasx mill-kwalità tal-Cava. Għalhekk, aħna ddeċidejna li nawtorizzaw din il-proposta sabiex minn din il-varjetà jkun jista' jsir ukoll il-Cava abjad.

4. **Cava “paraje calificado”**

Deskrizzjoni u raġunijiet

Emendi: il-punti 2d, 3a, 3b1, 3b2, 3b3, 4, 5, 8biii, 8biv, 8bv, 8bvi, 8bvii u 9bii3 tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott; il-punti 3, 4, 5 u 8 tad-Dokument Uniku.

Deskrizzjoni: Ġew inklużi terminu fakultattiv għat-tikketta (“Paraje Calificado” (“Qualified Single Estate Cava”)) u l-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu.

Raġunijiet: Il-leġislazzjoni tal-UE fis-seħħ tippermetti l-użu ta' isem ta' unità ġeografika żgħira ddefinita fuq it-tikketti ta' nbejjed b'DOP. Huwa possibbli wkoll li fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi stabbilita informazzjoni fakultattiva dwar it-tikkettar irregolata skont ċerti kundizzjonijiet tal-użu.

Fuq talba tas-settur tal-Cava, u sabiex tinġibed l-attenzjoni għall-kwalità ta' xi wħud mill-inbejjed tiegħu, speċjalment b'raba mal-kundizzjonijiet ta' żona speċifika, ġiet introdotta regolamentazzjoni tal-użu tat-terminu “Paraje Calificado” (“Qualified Single Estate Cava”) — li għandu jkun akkumpanjat minn isem iż-żona. Dan kollu huwa f'konformità mar-raba' dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi 6/2015 tat-12 ta' Mejju 2015 dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetta u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti fil-livell sovra-Komunità Awtonoma.

5. **Reviżjonijiet tat-test tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

Deskrizzjoni u raġunijiet

— Saru reviżjonijiet għall-punti 2d, 7b u 8biii tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. It-terminu “gass karboniku” huwa sostitwit b’“diossidu tal-karbonju”.

— Saret reviżjoni għall-punt 8bv tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Il-Bord Regulatorju mhuwiex responsabbli għall-klassifikazzjoni tal-inbid. Din is-setgħa tappartjeni għall-operatur responsabbli għal dan l-inbid.

— Saret reviżjoni għall-punt 8bvi tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Il-Bord Regulatorju mhuwiex responsabbli għall-approvazzjoni tat-tikketti.

— Saret reviżjoni għall-punt 8bvii tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Il-marki ta' garanzija jvarjaw ukoll skont il-kategoriji tal-Cava.

— Saret reviżjoni għall-punt 9a tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. L-informazzjoni dwar l-Awtorità Kompetenti ġiet aġġornata. Barra minn hekk, skont il-Liġi 6/2015 tat-12 ta' Mejju 2015 dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetta u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti fil-livell sovra-Komunità Awtonoma, il-Bord Regulatorju ma għadux korp deċentralizzat tal-Gvern, u issa sar korporazzjoni tad-dritt pubbliku.

6. **Żieda fil-valur pH massimu tal-inbid ta' bażi u tal-cava**

Deskrizzjoni u raġunijiet

Deskrizzjoni:

Emenda fil-punti 2.c) u 3.b.1) tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott u għall-punt 8.b) tad-Dokument Uniku.

Żieda ta' 0,1 (minn 3,3 sa 3,4) fil-valur pH massimu tal-inbid ta' bażi u tal-cava.

Raġunijiet:

Ir-riċerka estensiva mwettqa dwar l-effett tat-tibdil fil-klima fuq is-sajran tal-għeneb tiżvela li l-konsegwenza prinċipali hija li qed tiżdied il-qawwa alkoħolika, tonqos l-aċidità totali u tiżdied il-pH tal-inbejjed.

Huwa magħruf sew li t-tnaqqis fl-aċidità totali, bħal dak li ġie approvat b'relazżjoni mal-inbid ta' bażi u l-Cava fl-emenda għall-punti 2.c, 3.b.1, 7a u 7b tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott, kif ukoll għall-punt 3 tad-Dokument Uniku, iwassal għal żidiet fil-pH.

Għandu jitqies ukoll il-fatt li l-pH tal-inbid jiżdied fi żminijiet ta' nixfa. Għalkemm ma jstax jibassar il-futur, huwa ċar li fi snin reċenti kien hemm xejra ta' tnaqqis fil-livelli ta' xita fir-reġjun tal-Cava, u dan flimkien ma' żieda ġenerali fit-temperatura.

Dawn huma r-raġunijiet għal din il-proposta biex jiżdied il-valur pH massimu tal-inbid ta' bażi u tal-Cava, biex minn 3,3 jsir 3,4.

7. **Inklużjoni ta' aspetti relatati mat-trasferiment ta' fliexken f'pożizzjoni orizzontali ("rima") jew invertita ("punta")**

Deskrizzjoni u raġunijiet

Deskrizzjoni:

Emenda fil-punt 8.b.viii) tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. Dan ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

Deskrizzjoni: Din l-emenda tirreferi għat-trasferiment ta' fliexken f'pożizzjoni orizzontali ("rima") jew invertita ("punta").

Raġunijiet: It-trasferiment tal-fliexken f'pożizzjoni orizzontali ("rima") jew invertita ("punta") huwa Prattika komuni fis-settur tal-Cava, jew bħala stadju supplimentari fil-proċess ta' produzzjoni jew inkella meta l-fliexken jkollhom jiġu trasferiti bejn faċilitajiet li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv għal raġunijiet loġistiċi. Madankollu, irid jiġi impost limitu massimu fuq dawn it-trasferimenti, sabiex jiġi evitat li l-faċilitajiet jiffukaw biss fuq it-"tlestija" tal-fliexken mixtrija mingħajr ma jkunu fil-fatt immanifatturaw il-prodott.

Din hija r-raġuni għalfejn ġie deċiż li fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott, jiġi inkluż sett ta' kundizzjonijiet biex jiġu limitati dawn it-trasferimenti u biex jiġu żgurati kontroll, monitoraġġ u traċċabbiltà adegwati ta' fliexken trasferiti bejn il-produtturi tal-Cava.

Ix-xiri ta' fliexken f'pożizzjoni orizzontali ("rima") jew invertita ("punta") bejn il-produtturi huwa limitat għal 25 % tal-produzzjoni proprja tagħhom. Dan il-perċentwal jitqies bħala adegwat sabiex jiġu ssodisfati żidiet qawwija speċifiċi fid-domanda għall-produzzjoni, li ma jstgħux jiġu ssodisfati mill-istokk ta' fliexken miżmum mill-kumpanija. Żidiet speċifiċi fid-domanda jseħħu minħabba ċirkustanzi imprevedibbli fis-suq, u mhuwiex faċli li dawn jiġu ssodisfati abbażi tal-iskedi minimi ta' "tirage" u ta' maturazzjoni li japplikaw għal stokk ta' fliexken ta' kumpanija, u għalhekk hemm bżonn li jinxtrow prodotti li jkunu diġà ssodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' maturazzjoni.

Minbarra dan il-limitu, ġew stabbiliti wkoll xi kundizzjonijiet għad-DOP mill-Bord Regolatorju, biex jiġu kkontrollati dawn it-trasferimenti ta' fliexken fil-pożizzjoni orizzontali ("rima") jew invertita ("punta"). It-trasferimenti kollha jridu jiġu mmonitorjati biex jiġi ċċekkjat li jiġi rrispettat il-limitu ta' 25 %, li l-fliexken li jiġu trasferiti jkunu ssodisfaw ir-rekwiżit minimu ta' maturazzjoni, u li l-għadd ta' fliexken jaqbel mal-informazzjoni rreġistrata fil-baży ta' data tal-Bord.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem il-prodott**

Cava

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP — Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli**

5. Inbid frizzanti ta' kwalità

4. **Deskrizzjoni tal-inbid (inbejjed)**

Inbid frizzanti ta' kwalità

Cava — Abjad jew Rożè: Inbejjed nodfa u luċidi, b'rilaxx kontinwu ta' diossidu tal-karbonju fl-għamla ta' bżieżaq żgħar b'forma ta' żibeġ. Il-kulur tal-Cava abjad ivarja minn isfar ċar sa isfar kulur it-tiben; il-kulur tal-Cava rożè jvarja fl-intensità tiegħu, għajr ir-rożè ta' kulur vjola. Il-Cava għandu aromi karatteristikament tal-frott, kemxejn aci-duzi, friski u bilanċjati, bi ħjiel ta' rwejjaħ ta' ħmira.

Cava “Gran Reserva” – Abjad jew Rożè: Inbejjed bilanċjati, bi sfumaturi ta’ frott misjur u ġewż mixwi, b’aromi kumplessi u nodfa, u bi ħjiel tal-kuntatt fit-tul mal-ħmira.

Cava “Paraje Calificado” - Abjad jew Rożè: Aromi kumplessi bi sfumaturi tal-minerali proprji taż-żona mħallta perfettament, flimkien ma’ ġewż mixwi. Fuq il-palat, jippreżenta bilanċ strutturali perfett, kremożità u aċidità.

Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE tapplika fir-rigward tal-parametri analitiċi, li l-limiti tagħhom mhumiex stabbiliti f’dan id-Dokument Uniku.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,8
Aċidità totali minima	5 fi grammi għal kull litru espressa bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f’milliekwivalenti għal kull litru)	10,83
Total massimu ta’ diossidu tal-kubrit (f’milligrammi għal kull litru)	160

5. Prattiki enoloġiċi

a. *Prattiki enoloġiċi essenzjali*

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

L-inbid ta’ bażi tal-Cava jista’ jsir biss bil-meraq tal-ewwel tagħsira, b’rendiment massimu ta’ ettolitr wieħed ta’ most/inbid għal kull 150 kg ta’ għeneb. Skont iż-żona, għandu jintuża għeneb b’saħħtu b’kontenut minimu ta’ alkoħol naturali ta’ 8,5 % vol. jew 9 % vol. L-inbejjed ta’ bażi għandhom jiġu prodotti biss mill-meraq tat-tagħsir u mill-ebda parti oħra tal-għeneb; meta jiġi prodott ir-rożè, mill-inqas 25 % tal-għeneb użat irid ikun varjetajiet ta’ għeneb aħmar.

Meta jkun qed jiġi mmanifatturat Cava “Paraje Calificado”:

- ir-rendiment massimu huwa 0,6 Hl ta’ most għal kull 100 kg ta’ għeneb.
- huma pprojbti dawn li ġejjin: żieda artifiċjali tal-qawwa alkoħolika naturali tal-most u/jew tal-inbid ta’ bażi, aċidifikazzjoni, u skulurazzjoni.
- l-aċidità totali minima tal-inbid ta’ bażi għandha tkun ta’ 5,5 g/l (5 g/l għal inbejjed Cava oħra)

Prattika ta’ kultivazzjoni

L-irqajja ta’ vini li jipproduċu l-għeneb għandhom jitqiesu bħala xierqa għall-produzzjoni tal-Cava mit-tielet staġun ta’ tkabbir tal-varjetà awtorizzata ‘il quddiem. Id-densità tal-pjantaġġun għandha tkun minn 1 500 sa 3 500 stokki-jiet għal kull ettaru, permezz tas-sistemi tradizzjonali ta’ “training” goblet jew espalier.

b. *Rendimenti massimi*

Champagne

12 000 kg għeneb għal kull ettaru

Champagne

80 ettolitr għal kull ettaru

Cava “Paraje Calificado”

8 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

Cava “Paraje Calificado”

48 ettolitr għal kull ettaru

6. Żona ġeografika demarkata

Iż-żona ġeografika li fiha jista' jtkabbar l-għeneb u jiġu prodotti l-inbid ta' bażi u l-Cava tinsab fi ħdan il-limiti tal-muniċipalitajiet li ġejjin, separati fit-test skont il-provinċja li jappartjenu għaliha:

— Álava:

Laguardia, Moreda de Álava, u Oyón

— Badajoz:

Almendralejo.

— Barċellona:

Abrera, Alella, Artés, Avinyonet del Penedès, Begues, Cabrera d'Igualada, Cabrils, Canyelles, Castellet i la Gornal, Castellvi de la Marca, Castellvi de Rosanes, Cervelló, Corbera de Llobregat, Cubelles, El Masnou, Font-Rubí, Gelida, La Granada, La Llacuna, La Pobla de Claramunt, Les Cabanyes, Martorell, Martorelles, Masquefa, Mediona, Mongat, Odena, Olérdola, Olesa de Bonesvalls, Olivella, Pacs del Penedès, Piera, Els Hostelets de Pierola, El Pla del Penedès, Pontons, Premià de Mar, Puigdalber, Rubí, Sant Cugat Sesgarrigues, Sant Esteve Sesrovi-res, Sant fost de Campsentelles, Vilassar de Dalt, Sant Llorenç d'Hortons, Sant Martí Sarroca, Sant Pere de Ribes, Sant Pere de Riudevitlles, Sant Quintí de Mediona, Sant Sadurní d'Anoia, Santa Fe del Penedès, Santa Margarida i els Monjos, Santa Maria de Martorelles, Santa Maria de Miralles, Sitges, Subirats, Teià, Tiana, Torrelavit, Torrelles de Foix, Vallbona d'Anoia, Vallirana, Vilafranca del Penedès, Vilanova i la Geltrú, Vilobí del Penedès.

— Girona:

Blanes, Capmany, Masarac, Mollet de Perelada, Perelada.

— La Rioja:

Alesanco, Azofra, Briones, Casalarreina, Cihuri, Cordovín, Cuzcurrita de Rio Tirón, Fonzaleche, Grávalos, Haro, Hormilla, Hormilleja, Nájera, Sajazarra, San Asensio, Tirgo, Uruñuela, u Villalba de Rioja.

— Lleida:

Lleida, Fullela, Guimerà, L'Albi, L'Espluga Calva, Maldà, Sant Martí de Riucorb, Tarrés, Verdú, El Vilosell, u Vinaixa.

— Navarre:

Mendavia, u Viana.

— Tarragona

Aiguamurcia, Albinyana, Alió, Banyeres del Penedès, Barberà de la Conca, Bellvei, Blancafort, Bonastre, Bràfim, Cabra del Camp, Calafell, Creixell, Cunit, El Catllar, El Pla de Santa Maria, El Vendrell, Els Garidells, Figuerola del Camp, Els Pallaresos, La Bisbal del Penedès, La Nou de Gaià, L'Arboç, La Riera de Gaià, La Secuita, L'Espluga de Francolí, Llorenç del Penedès, Masllorenç, Montblanc, Montferri, El Montmell, Nulles, Perafort, Pira, Puigpelat, Renau, Rocafort de Queralt, Roda de Berà, Rodonyà, Salomó, Sant Jaume dels Domenys, Santa Oliva, Sarral, Solivella, Vallmoll, Valls, Vespella, Vilabella, Vila-rodona, Vilaseca de Solcina, Vilaberdt, u Vimbodí.

— Valencia:

Requena.

— Zaragoza:

Ainzón, u Cariñena.

7. Varjetà (varjetajiet) prinċipali tal-għeneb tal-inbid

MACABEO - VIURA

XARELLO

CHARDONNAY

PARELLADA

RED GRENACHE

TREPAT

PINOT NOIR

8. Deskrizzjoni tar-rabta (rabtiet)*(a) Fatturi naturali u umani*

FATTURI NATURALI: Fil-biċċa l-kbira, il-ħamrija tinkludi l-gir, mhijiex ramlja ħafna u hija relattivament ibbażata fuq it-tafal. Għandha tendenza li jkollha kontenut baxx ta' materjal organiku u mhijiex fertili ħafna.

Iż-żona għandha karatteristiki ġenerali li huma tipiċi ta' ambjent Mediterranju: staġun tas-sajf twil ħafna b'siġhat twal ta' xemx u temperaturi għoljin mir-rebbiegħa sas-sajf, filwaqt li tipproduċi wkoll varjazzjonijiet kbar fit-temperatura li jippermettu li l-għeneb isir sew, inklużi varjetajiet b'ċikli itwal. Barra minn hekk, tagħmel fit xita u din hija distribwita b'mod wiesa' matul l-istaġuni, li jfisser li matul il-perjodu ta' tkabbir tal-pjanti, ix-xita hija skarsa u l-umdità relattiva hija baxxa ħafna. B'riżultat ta' dan, hemm nuqqas notevoli ta' ilma, b'mod partikolari fil-fażi tas-sajran. Il-klima Mediterranja fiż-żona hija tranżizzjonali bejn il-klima aktar moderata fuq il-kosta, minħabba fil-prossimità tagħha għall-baħar, u l-klima kontinentali aktar ħarxa, li hija kiesħa fix-xitwa u aktar sħuna fis-sajf, b'halma hija t-tendenza ta' żoni interni. Tinżel medja ta' 500 mm xita kull sena, b'xita aktar frekwenti fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Huwa ambjent mdawwal ħafna, b'medja ta' madwar 2 500 siegħa xemx, li huwa biżżejjed biex l-għeneb isir sew.

FATTURI UMANI: Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, diversi familji ta' manifatturi tal-inbid bdew jimmanifatturaw inbejjed frizzanti fil-kampanja tal-provinċja ta' Barcellona, bl-użu ta' dak li f'dak iż-żmien kien jissejjaħ il-metodu tax-xampanja, fejn it-tieni fermentazzjoni li tipproduċi l-bziegħ isseħħ fil-flixxun. Kien fl-1872 li l-ewwel fliexken tal-Cava ġew immanifatturati fil-muniċipalitá ta' Sant Sadurní d'Anoia. Wara t-"tirage", il-fliexken ta' nbid frizzanti nħażnu f'għerien taħt l-art li kellhom livell suffiċjenti ta' umdità relattiva u temperatura ambjentali li kienet tibqa' madwar 13/15 °C tul is-sena kollha, li kien jgħin biex jiġu eliminati l-vibrazzjonijiet, li għandhom jiġu evitati meta jiġu mmanifatturati nbejjed frizzanti ta' kwalità tajba. Dawn huma kundizzjonijiet ideali biex it-tieni fermentazzjoni u l-proċess ta' maturazzjoni tal-inbejjed frizzanti jseħħu b'mod korrett. Maż-żmien, l-isem "cava", li kien jidentifika l-postijiet fejn il-fliexken tal-inbid frizzanti kienu jinħażnu għall-maturazzjoni, spiċċa biex sar isem l-inbid innifsu. Il-varjetajiet ta' għeneb li jtkabbru l-aktar huma: Macabeo, Xarel•lo, u Parelada, li jirrappreżentaw 85 % minn dawk li jintużaw biex isir il-Cava. Dawn it-tliet varjetajiet huma dejjem preżenti fi proporzjonijiet differenti fl-inbejjed ta' bażi miksuba miż-żona ġeografika demarkata. Id-densità baxxa tal-vinji, bejn 1 500 u 3 500 pjanta għal kull ettaru, tgħin biex titjieb il-kwalità tal-inbid ta' bażi. Barra minn hekk, il-preċipitazzjoni limitata fiż-żona u s-sistemi ta' "training" goblet jew espalier jippermettu ammont moderat ta' raħs produttiv, li jillimita r-rendiment massimu għal kull ettaru għal 12 000 kg. Barra minn hekk, l-inbid ta' bażi jista' jiġi prodott biss mill-meraġ tal-ewwel tagħsir, b'massimu ta' 100 litru ta' most għal kull 150 kg għeneb; b'sajran f'passi li jinvolvi l-ħsad separat tal-varjetajiet differenti, b'livell potenzjali ta' alkoħol għall-inbid ta' bażi ta' bejn 9,5 u 11,5 % vol., aċidità totali ta' > 5 g/L u indikaturi analitiċi li jiżguraw il-kwalità sanitarja tal-għalla. Irid ikun hemm ukoll relazzjoni bejn wieħed u ieħor ekwivalenti bejn l-aċidu maliku u l-aċidu tartariku; kundizzjonijiet ta' produzzjoni li jippermettu żvilupp bil-mod tat-tieni fermentazzjoni, u interazzjoni bejn l-inbid u l-ħmira (awtolizi), li tirriżulta fl-aromi delikati ta' dawn l-inbejjed u tagħthom kwalitajiet organolettiċi uniċi.

(b) Informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità jew il-karatteristiki tal-prodott

L-inbejjed Cava DOP, prodotti b'mod korrett bit-tieni fermentazzjoni u maturazzjoni fil-flixxun f'kuntatt mal-karfa, għandhom kontenut ta' alkoħol ta' bejn 10,8 u 12,8 % vol. Il-Cava huwa kkaratterizzat minn livelli baxxi ta' pH ta' bejn 2,8 u 3,4, u b'hekk l-inbid jimmatūra b'mod korrett maż-żmien u jitnaqqsu r-riskji ta' ossidazzjoni detrimentali. Dawn huma nbejjed b'livell baxx ta' aċidu glukoniku, li jindika li jkun intuża għeneb b'saħħtu.

(c) Rabta ta' kawżalitá bejn iż-żona ġeografika u l-karatteristiki tal-prodott

Il-ħamrija kkombinata mal-klima lejn tmiem is-sajf u fil-ħarifa, li hija relattivament moderata u niexfa, jippermettu li l-għeneb jiżviluppa b'mod korrett, b'mod partikolari fil-fażijiet ta' qabel il-ħsad tagħhom, li jħeġġeġ lid-diversi varjetajiet awtorizzati biex isiru fi żminijiet differenti, u b'hekk jipproduċu inbejjed ta' bażi tajbin biex jiġi mmanifatturat Cava b'saħħtu, b'qawwa alkoħolika moderata, b'aċidità għolja u b'pH baxx. L-aromi terzjarji rikki tal-prodott u r-rilaxx qawwi ta' bziegħ jiddependu kompletament fuq il-proċess ta' produzzjoni, mit-"tirage" sal-isbokkament fl-impjanti mgħammra apposta, li jippermetti li t-tieni fermentazzjoni u l-maturazzjoni tal-inbid jiżviluppaw bil-mod.

9. Kundizzjonijiet ulterjuri essenzjali (imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti oħra)

Qafas legali:

Fil-legalizzazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Il-Cava jista' jiġi prodott f'ħames kantini tal-inbid li jinsabu barra miż-żona ġeografika demarkata, billi dawn il-kantini kienu qed jipproduċu nbid ta' bażi u/jew "Cava" qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tas-27 ta' Frar 1986, u għalhekk ingħataw awtorizzazzjoni permezz tal-Ordnijiet Ministerjali tal-14 ta' Novembru 1991 u tad-9 ta' Jannar 1992.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

It-tapp tas-sufra għandu juri l-isem CAVA u n-numru tal-bottiljatur. Għandu jkun obligatorju li tintuża trademark irreġistrata mar-Reġistru tal-Proprjetà Intellettuali ta' Spanja (RPI) jew mal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern. Huma biss il-Cava "Gran Reserva" u l-Cava "Paraje Calificado" li jistgħu jużaw it-termini "Brut Nature", "Extra Brut" u "Brut" u jindikaw is-sena tal-qtugħ tal-għeneb. Huwa obligatorju li jintużaw marki ta' kontroll speċifiċi.

L-indikazzjoni "Paraje Calificado" ma għandhiex taqbeż għoli ta' 4 mm, u lanqas għandha tkun ikbar mid-daqs tal-marka, u għandha tidher flimkien ma' isem iż-żona inkwistjoni.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodottw

http://www.mapama.gob.es/es/alimentacion/temas/calidad-agroalimentaria/calidad-diferenciada/dop/htm/documentos_dop_cava.aspx

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT